**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SEBGĦA U GĦOXRIN**
**24 ta' MEJJU, 2017**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, is-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**ASSENTI**

Is-Sur Kenneth Farrugia avża permezz ta' email li ma setgħax jattendi għas-seduta minħabba x-xogħol. **Doc 1 mehmuż.** Il-Kunsill aċċetta l-email tiegħu.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| **27.1** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
|---|---|---|
| | | |
| 27.1.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato staqsa fuq punt 26.4.3 jekk l-avukat Spiteri aċċettax is-suġġeriment tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv irrispondiet fl-affermattiv. |
| | | |
| 27.1.3 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fir-rigward ta' punt 26.5.12 ċ-ċerimonja ta' ffirmar ta' amalgamazzjoni taż-Żurrieq FC u Żurrieq Wolves kienet suċċess u ħa gost bl-attendenza tas-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera. Hu feraħ lill-Kunsill tal-għajnuna u jispera li l-Kunsill jibqa' jgħin f'dawn l-inizjattivi. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Is-Sindku qabel mal-Kunsillier Dino Bonnici u qal li waqt attivita' li saret fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq fil-klabb tal-Boċċi fin-Nigret, fejn ingħataw trophies u midalji lir-rebbieħa, tkellem fuq din l-inizjattiva u ħeġġeġ klabbs oħra jagħmlu l-istess. |
| | | |
| 27.1.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-sitta u għoxrin –il seduta. |
| | | |
| ***27.2*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA, U TAL-LAQGĦAT ANNWALI U TAL-KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| | | |
| | | |
| 27.2.1 | | Ma kienx hemm minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, x'jiġu approvati. |
| | | |
| 27.2.2 | | Ġew approvati l-minuti numru 27 tal-Kunsill Lokali żgħażagħ. |
| 27.2.3 | | Is-Sur Kaydem Schembri qal li kellu laqgħa mal-Kunsillier Joseph Damato fejn marru fil-Ġnien tal-Ġibjun u l-madwar u qablu li jistgħu jsiru bankijiet u siġar fil-ġnien u fuq wara tal-ġnien. Hu żied jgħid li jinsabu fil-proċess li jinġiebu stimi ta' siġar biex ikun deċiż kemm ser isiru fi kwantita. |
| | | |
| | | |
| ***27.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR*** |
| | | |
| 27.3.1 | | Ma kienx hemm minuti x'jiġu approvati tal-Kumitat Regjonali Nofsinhar. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***27.4*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 27.4.1 | | Is-Sindku wera token li l-Kunsill ingħata mil-Guy Boċċi Klabb, waqt l-attivita' tat-tournament tal-boċċi li sar fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq. |
| | | |
| | | |
| 27.4.2 | | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-LESA tagħt lill-Kunsill is-somma ta' €3,465.61 li inġabru minn ċitazzjonijiet fiż-Żurrieq, biex jintużaw għall-bżonnijiet tal-Kunsill. |
| | | |
| 27.4.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-Sindku u hi f'isem il-Kunsill iffirmaw ftehim mal-Awtorita' tat-Trasport fuq jekk jingħatw fondi biex issir Triq Ħal Far. Fost il-punti hemm li l-Kunsill ikun responsabbli mill-manutenzjoni tat-triq wara 5 snin li tkun saret. **Dok 2 mehmuż.**<br>F'dan il-punt il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-Kunsill jistaqsi punt 5 tal-ftehim xi jfisser. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***27.5*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 27.5.1 | | Is-Sur Clifton Caruana ressaq proposta tal-midalja fir-rigward tal-half marathon.<br>Il-Kunsillier David Abdilla ssuġġerixxa li taħt l-arma taż-Żurrieq ikun hem mil-kliem Kunsill Lokali taż-Żurrieq. Kien hemm qbil unanimu fuq dan. |
| | | |
| 27.5.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba ta' hawker biex jitlob permess għar-reserved parking temporanju għall-Ħamis biex jibda jarma l-van tal-ħut fil-ħinijiet tal-monti.<br>Is-Sindku oġġezzjona għal dan għax qal li jekk il-Kunsill jagħti permess għal din il-hawker, fi ftit jiem wara jkunu jridu oħrajn bħala. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***27.6*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 27.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba minn volonitera tal-armar tal-festa biex il-Kunsill iħaffer 9 ħofriet għall-arbli tal-festa fi Triq PP Saydon, jew jagħti permess biex tali ħofor jitħaffru mill-volontiera.<br>F'dan il-punt is-Sindku qal li tali talba kienet diġa tressqet lilu xi tliet xhur ilu, verbalment, u hu min-naħa tiegħu kien ressaqha fis-seduta ta' dak iż-żmien fejn ma kienx hemm qbil.<br>Il-Kunsillier David Abdilla ssuġġerixa li tali talbiet isiru mis-soċjetajiet u mhux minn individwi.<br>Ma kienx hemm qbil li tali ħofor isiru la mill-Kunsill u lanqas mill-individwi. |
| | | |
| 27.6.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet suġġeriment ta' residenta biex il-Kunsill joħroġ b'inizjattiva ta' kennels/shelters għall-qtates fejn hawn il-feeders.<br>Il-Kunsillier David Abdilla u s-Sindku qablu mal-inizjattiva.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li mhux għalkemm il-Kunsill jaqbel ma' inizjattiva, imam jrid jara kemm ser jiswew tali shelters u fejn ser jitpoġġew.<br>Kien hemm qbil li l-inizjattiva hi tajba u li s-Segretarju Eżekuttiv iġġib stimi u jekk il-Kunsill jaqbel mal-istimi, tali shelters jitpoġġew f'żewġ siti – waħda fejn il-Mitħna tax-Xarolla u l-oħra fi Ġnien il-Ġibjun.<br>L-istimi ser jintbagħatu b'email lill-kunsilliera kollha biex il-Kunsill ikun jista jipproċedi mingħajr dewmien. |
| | | |
| 27.6.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba minn residenti ta' Triq San Bartilmew li jidħlilhom l-ilma fir-residenza tagħhom hekk kif tagħmel ix-xita jew xi ħadd mill-ġirien isaqqi jew jaħsel barra. Kien proponut mill-Perit u l-kuntrattur li jitkompla l-culvert li hemm fl-istess triq u li kien twaqqaf ftit metri 'l fuq. Tali xogħol hu stmat li jiġi jiswa madwar €2,500.<br>F'dan il-punt is-Sindku u l-Kunsillier D'Amato ma qablux għaliex qalu li fiż-Żurrieq hawn diversi problemi simili jew agħar mis-sitwazzjoni ta' Triq San Bartilmew. Huma qablu ukoll li jekk joqgħod xi ftit ilma quddiem ir-residenza hu faċli li wieħed jixkupa l-ilma. Ma kienx hemm qbil mal- |

| | | |
|---|---|---|
| | | proposta. |
| | | |
| 27.6.4 | | Il-Kunsillier David Abdilla talab lis-Segretarju Eżekuttiv tara fhix wasal il-proċess biex isir culvert fi Triq Wied Babu minn Transport Malta. |
| | | |
| 27.6.5 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li l-persuna li tieħu ħsieb l-akwata tas-soft area f'Tal Bebbux tablet li jsir dog bin u żewġ dustbins kbar fl-akwata.<br>Kien hemm qbil li jiġu ordnati. |
| | | |
| 27.6.6 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ressqet talba ta' resident li toqgħod 12a Santa Teresa fi Triq iċ-Ċombini, biex issirilha bollard minħabba li l-vetturi qed jolqtulha l-faċċata.<br>Is-Sindku ma qabilx mas-suġġeriment għax qal li t-triq tidjieq u tkun ta' ostaklu għall-vetturi.<br>Kien hemm qbil li r-resident iġib site plan u ritratt tal-post u jgħaddi għall-approvazzjoni ta' Transport Malta. |
| | | |
| 27.6.7 | | Il-Kunsillier David Abdialla qal li qed ikollu komunikat mas-Sindku ta' Pedara li min-naħa tiegħu qabbad persuna li ser taħdem fuq il-ġemellaġġ. |
| | | |
| 27.6.8 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato għamel dawn il-punti:<br>a. Jeħtieġ li jissewwa bus shelter fi Triq Bronja. – Ġie nfurmat li tali bus shelter ma jintużax imam s-Sindku ser jagħmel mill-aħjar biex permess ta' kuntatti li għandu jiġi msewwi.<br>b. Is-Sur Costantino Attard ta r-riżenja tiegħu mis-Sotto Kumitat Kultura u minfloku ser jidħol is-Sur John Tonna. – Kien hemm qbil fuq dan.<br>c. Hemm bżonn li jinbidlu l-bins ta' fejn il-Mitħna tax-Xarolla – kien hemm qbil li jinġibu stimi.<br>d. Issuġġerixxa li jsiru kaxxi sofor f'kull entratura li hemm fi Triq il-Barrieri. – Il-Kunsillier David Abdilla qal li f'kull entratura hemm double yellow lines u kif jitlesta x-xogħol tat-trinka fi Triq il-Barrieri, jiġu ordnati biex isiru refresh tal-marki tat-triq.<br>e. Hemm bżonn li fi Triq il-Kbira k/m Triq iċ-Ċombini issir tabella li tindika li hemm camera. Kien hemm qbil fuq dan.<br>f. Is-Segretarju Eżekuttiv wara lmenti li kellha kienet wissiet lil sid Terminus bar biex ma jitfax ħobż barra għall-għasafar, imam dan xorta baqa jitfa l-ħobz. Kien hemm qbil li isir rapport lill-pulizija. |
| | | |
| 27.6.9 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv f'hiex wasal il-proċess biex isiru bellishia lights fi Vjal il-Blue Grotto. Kien hemm qbil li tintbagħt reminder lill-TM fuq il-każ. |
| | | |
| 27.6.10 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li Terminus Bar qed jarma mwejjed u siġġijiet barra. Hu staqsa jekk dan għandux il-permessi meħtieġa mill-Kunsill. F'dan il-punt is-Sindku qal li sid Terminus Bar kellem lilu u tah il-kelma(permess) tiegħu. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 27.6.11 | | Is-Sindku ppropona hekk kif jagħmlu soċjetajiet tal-baned biex fl-okkażjoni taż-żwieġ tal-Kunsillier Dino Bonnici, tittella l-bandiera taż-Żurrieq fl-uffiċċju tal-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| **27.7.1** | | ***Tweġiba għall-Management Letter tal-Awdituri Ġenerali*** |
| | | |
| 27.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-Audit Financial Statements, il-management letter u t-tweġiba għaliha, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.<br><br>Kien hemm qbil li tali dokumenti jkunu uploaded u mibgħuta fejn meħtieġ. |
| | | |
| | | |
| ***27.8*** | | ***Festa Ħut u Jum iż-Żurrieq*** |
| | | |
| 27.8.1 | | Is-Sindku qal li hekk kif kien ikkomunikat lill-Kunsilliera, l-attivitajiet ta' din is-sena ġew ikkanċellati kollha minħabba li tħabbret l-Elezzjoni Ġenerali. L-unika attivita' li saret kienet dik tal-logħoba tal-boċċi u li l-preżentazzjonijiet tat-trofew ingħataw nhar it-Tnejn 22 ta' Mejju, 2017 u attivita' żgħira fl-iskola primarja fejn ser jingħataw premju (f'kotba) u ċertifikati lil dawk li pparteċipaw fil-kompetizzjoni tat-tpinġijiet ta' Festa Ħut.<br><br>Ġie ssuġġeriet li tali attivitajiet isiru f'Settembru, imma s-Sindku qal l-attivitajiet jinvolvu ħafna xogħol u hu ma jkollux ħin fis-sajf jaħdem fuqhom.<br><br>F'dan il-punt daħal għas-seduta l-Kunsillier Dr Jean Pierre Attard (ħin 19:15) |
| | | |
| **27.9** | | ***Dawl madwar l-Outdoor Gym*** |
| | | |
| 27.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni permess ta' ritratti li d-dawl madwar l-*Out door gym* hu kollu mkisser.<br><br>Kien hemm qbil li ssir talba lil Sports Malta biex tiehu l-passi hi li ssewwi l-ħsarat.<br>Kien hemm qbil li ssir laqgħa ma' SprotsMalta, Zurrieq FC u Zurrieq Wolves biex isir ftehim fuq il-kontijiet tad-dawl. |
| | | |
| 27.9.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li llum kellha laqgħa mal-Perit u l-kuntrattur li ħa x-xogħol tal-Out Door Gym u l-Perit qalet li l-Kunsill għadu qed jistenna l-permess tal-PA qabel jibdew ix-xogħlijiet.<br>Il-Kuntrattur qal li jista' jibda fl-immedjat hekk kif ikun hemm il-permessi, imma l-materjal tal-gym jaf jieħi ftit fit-tul biex jasal Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li qabel ma jasal l-apparat u jkun hemm il-permessi kollha tali xogħol m'għandux jibda biex is-sit ma jkun ta' periklu għal min |

| | | |
|---|---|---|
| | | jagħddi minn hemm.<br>Il-Kunsill qabel ma dan. |
| | | |
| | | |
| ***27.10.1*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 27.15.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta'<br>**€63,075.74.**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Pierre Farrugia. |
| | | |
| ***27.16*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 27.16.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 28ta' Ġunju, 2017 fis-6.00 ta' filgħaxija. |
| | | |

Konfermati, illum 28 ta' Ġunju, 2017.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**